C/2025/6346

21.11.2025

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ M.11811 – TIL / HUTCHISON PORTS / TERCAT)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2025/6346)

1. Fil-5 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Termnal Investment Limited Holding S.A. ("TIL'", il-Lussemburgu), li tappartjeni għal MSC Mediterranean Shipping Company Holding SA ("MSC", L-Iżvizzera), u BlackRock, Inc. ("BlackRock", L-Istati Uniti),

— Barcelona Europe South Terminal, S.A.U ("Hutchison Ports'", Spanja), li tappartjeni għal CK Hutchison Holdings Limited ("CKHH", Hong Kong),

— Terminal Catalunya, S.A. ("TERCAT", Spanja).

TIL u Hutchison Ports se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' TERCAT.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— TIL tinvesti fi, tiżviluppa u timmaniġġja terminals għal kontejners madwar id-dinja u hija kkontrollata b'mod konġunt minn MSC u BlackRock. MSC tipprovdi servizzi tat-trasport marittimu tal-kontejners madwar id-dinja u servizzi anċillari. MSC hija attiva wkoll fis-setturi tal-kruċieri oċeaniċi u tal-laneċ tal-passiġġieri marittimi. BlackRock hija kumpanija ta' investiment multinazzjonali Amerikana,

— Hutchison Ports bħalissa hija l-kumpanija ta"kontroll ta" TERCAT u hija parti mill-grupp CKHH. CKHH huwa konglomerat multinazzjonali li jopera 4 gruppi kummerċjali ewlenin: (i) portijiet u servizzi relatati, (ii) bejgħ bl-imnut, (iii) infrastruttura u (iv) telekomunikazzjoni.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża TERCAT huma l-operazzjoni tal-Barcelona Europe South Terminal fil-Port ta' Barċellona.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11811 — TIL / HUTCHISON PORTS / TERCAT

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet/Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË